# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. D. Clarke LL.D.

**Illum 7 ta' Marzu 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Darren Buhagiar)**

**vs**

**Mario Muscat**

**Kumpilazzjoni Nru: 271/2015**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Mario Muscat detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 9859M.

Akkuzat f'ismu proprju u/jew ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija Ozosystem Ltd (C 9023) li fis-6 ta' Jannar, 2015 u fix-xhur ta' qabel f'San Giljan u bnadi ohra f'dawn il-gzejjer, impjega jew ta xoghol lil persuna li ma kinitx persuna ezenti u li ma kelliex licenzja moghtija lilha ghal dak l-impjieg jew xoghol skond id-dispozizzjonijiet tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kif ukoll talli taht l-istess cirkostanzi bhala persuna responsabbli ta' xoghol li kien qed isir gewwa l-lukanda Argento f'San Giljan u nhawi ohra f'Malta

impjega persuna li ma kinitx cittadina ta' Malta meta din il-persuna ma kellhiex permess validu u ufficcjali.

U aktar talli fl-istess cirkostanzi bhala principal jew persuna li timpjega persuni ohra, full time, part time, jew xort'ohra b'kuntratt definit jew indefinit jew bi prova, naqas li jinnotifika lill-Korporazzjoni tax-xoghol u tahrig b'dan l-impjieg kif hemm stabbilit fl-Avviz Legali 110 tas-sena 1993.

U aktar talli sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien ikkundannat ghal reati b'sentenzi li saru definittivi.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika d-dispozizzjonijiet tar-regolament numru 5 tar-Regolamenti dwar Standards Minimi ghal sanzjonijiet u mizuri kontra min ihaddem lil cittadini minn pajjizi terzi b'residenza illegali, Avviz Legali 432 tal-2011 (Ligi Sussidjarja 217.14 tal-Ligijiet ta' Malta) sabiex jinghata dak il-haqq skond il-provvedimenti ta' dan l-istess regolament.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda tal-prosekuzzjoni.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunisdrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, l-fedina penali, u l-koperazzjoni tieghu mal-pulizja.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 32(1)(b) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regolamenti 3 sa 10 ta'l-Avviz Legali 110 tas-sena 1993, fuq ammissjoni

ssib lill-imputat hati tal-imutazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah multa ta' elf u tlett mitt Euro (€1,300).

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**